MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2014

Numru. 495/2010

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**CARMELA AQUILINA**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputata Carmela Aquilina detentrici tal-karta tal-identita numru 501649M giet akkuzata talli :

a) Fix-xahar ta' Lulju 2009, u fil-gimghat u fix-xhur ta' qabel fil-fond 95, Triq San Gakbu Siggiewi, minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' Gaetana Aquilina f'periklu car, ikkagunajt offiza ta' natura gravissima fuq il-persuna ta' Gaetana Aquilina skond kif iccertifikat Hons. Dr.Marlene Pullicino (Dental Surgeon);

b) U aktar talli b'diversi atti maghmulin minnek ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe dak ta' theddid u ingurji serji u kontinwi.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta'htija, tipprovdi skond l-Art. 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghas-sigurta ta' Gaetana Aquilina.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat ir-*rinvio a giudizio* ta` l-Avukat Generali li jinsab *a folio* 78 u l-kunsens ta` l-imputata sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja li jinsab *a folio* 90;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi dan hu kaz li jirrigwarda tlett ahwa li jghixu flimkien u jidher li dejjem bil-kwistjonijiet bejniethom. L-imputata, ohtha Gaetana Aquilina u huhom huma t-tlett protagonisti. Izda jilmentaw kemm jilmentaw minn xulxin, dejjem jibqghu jghixu taht l-istess saqaf. Ir-rapporti ghand il-pulizija ma jaqtghu qatt.

Allegazzjoni fost ohrajn kienet li l-imputata ikkawzat griehi ta` natura gravi fuq ohtha Gaetana Aquilina billi ghamlitilha hsara fi snienha.

Minn ezami akkurat tal-provi migjuba jirrizulta li, qabel ma lehqet telghet tixhed, Gaetana Aquilina mietet, propju fl-14 ta` April 2011. Ma hemm xejn fil-process li jindika, sal-grad rikjest mill-ligi, li l-imputata ghamlet xi haga lil Gaetana Aquilina u konsegwentement ikkagunatilha griehi gravi. Minn ezami tad-depozizzjoni tad-Dentista Marlene Pullicino jirrizulta li Gaetana kellha xi snien jiccaqilqu izda ma setghetx tiddikjara li tali caqlieq kienx gej minn xi daqqa jew le, u dana ghaliex is-snien ta` Gaetana Aquilina kienu gia jiccaqilqu, anki qabel l-allegat incident. Ix-xhud tikkonferma li l-ahwa Aquilina kienu lkoll pazjenti taghha u l-imsemmija Gaetana Aquilina kienet esprimiet ruhha maghha fis-sens li ma riditx titla l-Qorti ma ohtha l-imputata.

Ikkunsidrat;

Indipendentement mix-xewqat ta` Gaetana Aquilina kif esposti mid-Dentista Marlene Pullicino, il-pozizzjoni legali hija wahda cara u inekwivoka – li fil-process ma hemm xejn x’jorbot fattwalment lill-imputata mal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha. Il-provi huma dawk li huma u ferm insufficjenti.

**Ghall-motivi premessi din il-Qorti ssib u tiddikjara lill-imputata Carmela Aquilina mhux hatja ta` l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghha u minnhom tilliberaha skond il-ligi**.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------